**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Inferjuri**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 29 ta' Novembru, 2016**

**Avviz Numru:- 7/2016JVC**

**Paul Spiteri u Mary Anne Spiteri**

**Vs**

**Dottor Joseph Grech gie nominat kuratur deputat tal-imsiefer John Azzopardi b'digriet tal-24 ta' Gunju 2016**

Il-Qorti;

Rat l-avviz fejn l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat :-

Ihallas lill-atturi s-somma ta' tmint elef u erbgha u sittin ewro u tmintax-il centezmi (€8,064.18) dovuti in kwantu ghal tmint elef ewro (€8,000) li gew mislufa lill-konvenut *brevi manu* f'zewg okkazzjonijiet fit-13 ta' Awwissu 2013 u fis-16 ta' Awwissu, 2013, u in kwantu ghal erbgha u sittin ewro u tmintax-il centezmi (€64.18) spejjez li gew inkorsi minn l-atturi biex gew trasferiti lill-konvenut fl-esteru l-flus li gew lill-konvenut mislufa, u li l-konvenut naqas li jirrestitwixxi lill-atturi skont il-ftehim.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Bl-imghaxijiet legali mis-16 ta' Awwissu 2013, sal-effettiv pagament.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsab imharrek.

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Dottor Joseph Grech nominat bhala kuratur deputat ta' l-imsiefer John Azzopardi li eccepixxa:

1. Illi huwa gie nominat permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-24 ta' Gunju, 2016 sabiex jirraprezenta lil John Azzopardi;

2. Illi l-esponenti ghadu ma huwiex edott mill-fatti tal-kaz;

3. Illi madanakollu l-esponenti qieghed minn issa jirriserva li jressaq dawk l-eccezzjonijiet kollha kif ukoll dawk il-provi kollha li jistghu jirrizultaw necessarji matul il-kawza skont il-ligi.

Rat ix-xhieda tal-attrici u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat illi fil-verbal tal-15 ta' Novembru, 2016 Dr. Joseph Grech nomine nforma lill-Qorti li minkejja li ntbaghtet email lill-konvenut seduta stante fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2016 fuq l-indirizz elettroniku 'jja0368@gmail.com' huwa sa dakinhar ma kien rcieva ebda tip ta' komunikazzjoni minghand il-konvenut. Ghaldaqstant iddikjara li ma kienx f'posizzjoni li jressaq ebda provi.

Rat li fl-istess verbal gew dikjarati maghluqa l-provi u l-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-vertenza fil-kawza hija wahda semplici. Il-partijiet Maryanne Spiteri u John Azzopardi huma ahwa. Paul Spiteri jigi r-ragel ta' l-attrici Maryanne Spiteri. John Azzopardi jirrisjedi fl-esteru filwaqt li l-atturi jirrisjedu Ghawdex. Mix-xhieda tal-attrici jirrizulta li f'mument minnhom f'Awwissu tas-sena 2013 il-konvenut huwa talabha tghinu finanzjarjament u stante li l-attrici fdatu hija effettivament trasferietlu b'kollox l-ammont ta' tmient elef Euro (€8,000) wara li sahansitra hadet 'loan' sabiex tkun tista' sselfu dan l-ammont kollu. Jidher li l-ftehim kien li hija tiehu l-'loan' u l-konvenut jaghmel tajjeb ghall-imghax fuq l-istess 'loan' apparti li jhallas lura s-somma mislufa. Fix-xhieda taghha Maryanne Spiteri tesebixxi dokumentazzjoni li tevidenzja t-trasferiment tal-ammonti lil huha John Azzopardi. Tesebixxi wkoll ittri li jevidenzjaw li l-konvenut diversi drabi weghda li ser ihallasha lura izda baqa' sal-lum inadempjenti kif ikkonfermat bil-gurament l-attrici quddiem din l-istess Qorti. Jirrizulta li wara li l-attrici giet dahra mal-hajt u kellha

tiftah din il-kawza, nonostante li anke l-Avukat nominat ghall-konvenut baghat ittra fuq l-indirizz elettroniku tal-konvenut, li a fol. 28 tinsab evidenza li huwa effettivament juzah u ghandu access ghalih, il-konvenut baqa' la kellem lill-Avukat kuratur tieghu wisq anqas hallas lura dak dovut lilu lill-attrici.

Illi tenut kont ta' dak suespost, il-Qorti tqis li t-talbiet attrici gew sufficjentement pruvati u ghandhom jigu milqugha.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' tmint elef u erbgha u sittin ewro u tmintax-il centezmi (€8,064.18) dovuti in kwantu ghal tmint elef ewro (€8,000) somma mislufa *brevi* manu lill-konvenut u in kwantu ghal erbgha u sittin ewro u tmintax-il centezmi (€64.18) spejjez li gew inkorsi mill-atturi biex gew trasferiti lill-konvenut fl-esteru l-flus liema flus il-konvenut naqas li jirrestitwixxi lill-atturi.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

Bl-imghaxijiet legali mid-data tas-16 ta' Awwissu 2013 sad-data tal-pagament effettiv.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur